22004D0063

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 63/2004

tas-26 ta' April 2004

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li ikkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn il-quddiem referut bħala "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 2/2004 tas-6 ta' Frar 2004 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ([2]) kien ġie inkorporat fil-Ftehim preżenti bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE nru 61/2004 tas-26 ta' Apil 2004, b'adattazzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1217/2003 ta' l-4 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi l-ispeċifiki komuni dwar il-programmi tal-kontroll tal-kwalità fis-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ([3]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dan il-punt li ġej għandu jkun miżjud wara l-punt 66i (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

"66j. **32003 R 1217**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1217/2003 ta' l-4 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi l-ispeċifiki komuni dwar il-programmi tal-kontroll tal-kwalità fis-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili (ĠU L 169, tat-8.7.2003, p. 44)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1217/2003 fil-lingwi Islandiż u Norveġiż, li għandhom ikunu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol b'effett fis-27 ta' April 2004, basta li n-notifiki kollha permezz ta' l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru mill-Kumitat Konġunt ŻEE ([4]).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' April 2004.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

([1]) ĠU L 116, tat-22.4.2004, p. 42
([2]) ĠU L 355, tat-30.12.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 169, tat-8.7.2003, p. 44.
([4]) L-ebda ħtieġa kostituzzjonali ma hija indikata.